dejjem

*Kreattiv, Innovattiv Professjonali*

# EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA

## Kulleġġ Maria Regina

## Sena Skolastika 2014/2015

---

| Is-Sitt sena | Malti: Il-Fehim mill-Qari | Ħin: 50 minuta |
|---|---|---|

Isem:_________________________________________

Klassi:______________

Skola:__________________

Marki Totali: [ ]

AQRA SEW DAN LI ĠEJ:

- Ikteb l-isem, l-kunjom u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sew il-mistoqsija.
- Jekk ma tkun tafx xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, rrivedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

## L-ewwel Taqsima (15-il marka)

**Aqra dawn il-fuljetti u wieġeb il-mistoqsijiet fuqhom.**






A. **Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B** *(marka X 6 = 6 marki)*

| A | | B |
|---|---|---|
| 1. Il-post tal-ikla se tkun | | fl-1 ta' Ġunju 2014. |
| 2. Id-data tal-ikla tradizzjonali hi | | mingħand il-helpers. |
| 3. Festa Lapsi se ssir | | hu mistieden speċjali f'Festa Lapsi. |
| 4. Festa Lapsi hi festa ta' | | f'Pjazza l-Vitorja. |
| 5. Tista' tixtri biljetti għall-ikla | | ikel, xorb, Għana u spettaklu. |
| 6. Renato Micallef | | l-1 ta' Settembru 2013. |

B. **Sib mill-fuljetti**

**L-ewwel waħda hi eżempju** *(marka X 6 = 6 marki)*

| | |
|---|---|
| Ez. Kelma oħra flok żeffiena hi | *dancers* |
| 1. Nom Propju | |
| 2. Nom bi plural sħiħ | |
| 3. Nom b'artiklu xemxi | |
| 4. Nom b'artiklu qamri | |
| 5. Nom b'artiklu magħqud ma' partiċella | |
| 6. Kelma oħra flok misraħ | |

C. **Ħares sew lejn il-fuljetti u wieġeb dawn il-mistoqsijiet.** *(3 marki)*

1. X'attività se jkun hemm fid-9 ta' Settembru?

1.________________________________________________________________

2. Agħti l-isem taż-żewġ irħula li jissemmew fil-flyers?

2. ________________________________________________________________

3. Għal-liema attività għandek bżonn tixtri l-biljetti?

3. ________________________________________________________________

**It-Tieni Taqsima** ***(15-il marka)***

**Aqra din l-istorja u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**



Bil-kelma tradizzjoni nifhmu drawwiet marbuta mal-ħajja tal-poplu li jagħtu identità partikolari lill-kultura ta' dak il-pajjiż. Kull pajjiż għandu tradizzjonjiet differenti u huma dawn it-tradizzjonijiet li jagħmlu poplu differenti minn poplu ieħor. It-tradizzjonjiet għandhom x'jaqsmu ma' mumenti differenti tal-ħajja, mat-twemmin reliġjuż, ma' xi ċelebrazzjoni jew tifkira ta' xi ġrajja storika. It-tradizzjonijiet jistgħu jinkludu wkoll kif il-poplu jilbes, jiekol jew iġib ruħu f'mumenti partikolari tal-ħajja. **(para 1)**

Bħal kull pajjiż ieħor, Malta għandha t-tradizzjonjiet tagħha. Hu ta' importanza kbira li nkunu nafu dwar dawn it-tradizzjonijiet u li nkomplu ngħożżuhom u jekk ma

nipprattikawhomx għallinqas inkunu nafu liema huma u għaliex kienu jsiru, għaliex huma dawn it-tradizzjonijiet li jagħmluna Maltin. **(para 2)**

Il-festa tar-raħal Maltija hija l-essenza ta' dak kollu li huwa Mediterranju magħsura f'avveniment wieħed. Dawn il-festi jikkombinaw id-dwal ikkuluriti, il-mużika tal-banda u l-ispettakli impressjonanti u storbjużi tal-logħob tan-nar, flimkien ma' folla ta' mijiet ta' nies li joħorġu mill-każini u l-ħwienet tax-xorb għal ġot-toroq storbjużi f'ċelebrazzjoni waħda u kbira. Hija esperjenza memorabbli t'ikel, xorb, mużika u fanfarra. **(para 3)**

Ġeneralment, il-festi jiġu ċċelebrati bejn ix-xhur ta' Mejju u Settembru, għalkemm hemm xi ftit eċċezzjonijiet. Kull raħal għandu mill-inqas qaddis patrun wieħed u dan iservi bħala l-bażi għall-festa tar-raħal. Matul dawk il-jiem magħżula għall-festa, dak ir-raħal partikolari jżejjen it-toroq bi statwi u bandalori ddedikati lill-qaddis, u matul dik il-ġimgħa kollha, in-nies tal-lokal u t-turisti jingħaqdu flimkien sabiex igawdu ċ-ċelebrazzjonijiet u l-brijju tal-festa. **(para 4)**



Il-kjoskijiet tal-ikel li jarmaw fit-toroq iservu minn kollox, minn *hot dogs* sa ikel tradizzjonali. Ipprova l-imqaret, li huma tip ta' ħelu tat-tamal moqlija fiż-żejt. Dawn huma delizzjużi immens u borża mimlija tiswiek inqas minn żewġ Ewro. Ħelu artiġjanali u tradizzjonali ieħor huwa l-qubbajt. F'dawn il-festi ssib ħafna li jkunu qegħdin ibiegħu dan il-ħelu tant favorit mal-Maltin. Il-bejjiegħa normalment ikunu armati bi kjoskijiet skuri tal-injam bi mwieżen antiki sabiex iservu dan il-prodott mill-aktar ħelu. **(para 5)**

Il-marċi tal-banda huma parti integrali miċ-ċelebrazzjoni. Il-banda lokali ddoqq il-marċi favoriti tal-festa, li ħafna minnhom ikunu kompożizzjoni ta' xi surmast lokali.

Waqt li l-mużiċisti tal-banda jdoqqu l-marċi brijjużi tul it-toroq u madwar il-knisja tar-raħal, il-folol sikwit ikunu mexjin warajhom. **(para 6)**

Iċ-ċelebrazzjonijiet ta' kull festa jilħqu l-qofol tagħhom biċ-ċerimonja tal-irfigħ tal-istatwa. Id-devoti tal-festa jitfgħu l-offerta tagħhom sabiex dawk bl-ogħla offerta jingħataw il-privileġġ li joħorġu l-istatwa mill-knisja u jpoġġuha f'post prominenti fil-pjazza tar-raħal. Din iċ-ċerimonja ġeneralment tkun akkumpanjata minn folla mdaqqsa li tesprimi l-ferħ tagħha b'ċapċip u brijju. **(para 7)**

Jekk l-irfigħ tal-istatwa huwa ritwal ċerimonjali importanti, l-aktar li jagħtu pjaċir lill-folla żgur li huma l-ispettakli tal-logħob tan-nar. Malta hija magħrufa ħafna għall-kapaċità piroteknika tagħha u din il-kapaċità mkien ma tintwera aħjar mill-festa tar-raħal. L-ispettakli normalment jinvolvu l-murtali, li huma xorta ta' bombi li jagħmlu splużjoni eċċezzjonali meta jinfetħu fis-sema, logħob tan-nar ikkulurit li jdawwal is-sema bil-lejl, u l-ġiġġifogu jew irdieden tan-nar – strutturi elaborati li jipproduċu spettakli li jgħammxu l-għajnejn bi ħsejjes u lwien. **(para 8)**

Meħuda minn sit eletroniku: http://www.airmalta.com/destinazzjonijiet/malta-mt-mt/best-of-malta-mt-mt/culture-mt-mt/the-village-festa-mt-mt#sthash.KLeGx59Y.dpuf

**A. Immarka billi tagħmel salib ( x ) ħdejn it-tweġiba t-tajba** ***(3 marki)***

1. Dan jagħmel poplu differenti minn ieħor:

| | |
|---|---|
| a. il-kulur tal-ġilda | |
| b. il-kulur tax-xagħar | |
| c. l-ikel li nieklu | |
| d. tradizzjonijiet | |
| e. il-passatempi li għandna | |

| | |
|---|---|
| a. surmastrijiet Taljani | |
| b. surmastrijiet lokali | |
| c. surmastrijiet Franċiżi | |

2. Il-marċi tal-festi jiktbuhom

| | |
|---|---|
| d. nies lokali | |
| e. irġiel b'talent qawwi | |

3. L-imqaret u l-qubbajt huma

| | |
|---|---|
| a. ċikkulatini żgħar | |
| b. ikel sustanzjuż ħafna | |
| c. ikel famuż ħafna ċ-Ċina | |
| d. ġugarelli tradizzjonali | |
| e. tip ta' ħelu tradizzjonali | |

**B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet** ***(marka X 3 = 3 marki)***

1. X'inhi tradizzjoni? (para1)

1.______________________________________________________________

________________________________________________________________

2. Ġeneralment, meta jiġu ċċelebrati l-festi Maltin? (para 4)

2.______________________________________________________________

________________________________________________________________

3. Kif jintgħażlu dawk in-nies li jridu jerfgħu l-istatwa? (para 7)

3.______________________________________________________________

________________________________________________________________

**Ċ. Għal min qed jirreferu** *(marka X 4 = 4 marki)*

1. "ha" f' għandha (para 2) ____________________
2. "hom" f'minnhom (para 6) ____________________
3. "hom" f' tagħhom (para 7) ____________________
4. "ha" f' jpoġġuha (para 7) ____________________

***D.* Sib kelma jew frażi mis-silta li tfisser l-istess bħal:** *(marka X 4 = 4 marki)*

1. Ta' valur qawwi (para 2)

1.____________________

2. Miġbura flimkien (para 3)

2.____________________

3. Tajbin ħafna (para 5)

3.____________________

4. Ħafna nies (para 7)

4.____________________

**E. Agħti titlu lil din is-silta li qrajt.** *(marka)*

____________________